2 ta' Ġunju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* George Vigo

**Kontravvenzjoni — Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Riappuntament — Notifika.**

*Jekk kawża kriminali tkun ġiet imħollija "sine die", u tiġi riappuntata u deċiża meta t-terminu tal-preskrizzjoni għall-kontravvenzjoni li fuqha tkun il-kawża jkun għadda, dik il-kontravvenzjoni ma hix aktar persegwibili minħabba l-preskrizzjoni, jekk fl-intervall bejn meta l-kawża ġiet imħollija "sine die" u meta ġiet riappuntata u deċiża ma jkunx sar xi riappuntament ieħor jew xi notifika oħra lill-imputat.*

Fuq l-akkuża kontra l-imputat talli fil-21 ta' Lulju 1950, għal xi s-6.15 p.m., saq motor-car no. 6377 minn Palace Square, Valletta, u fuq l-eċċezzjoni tat-3 ta' Ottubru, li biha l-imputat, fil-ħin li ammetta l-fatt, eċċepixxa li l-att minnu

magħmul ma jikkostitwix ebda kontravvenzjoni tal-liġi, għaliex l-avviż tal-Pulizija nru. 10 ta' l-1945 huwa "ultra vires", għaliex maħruġ in bażi għall-art. 31 (1) (f) tal-Liġi tal-Pulizija (preċedentement artikolu 27 (7), u iżjed lura 17 tal-Liġijiet tal-Pulizija), li ma jista' qatt jiġi interpretat li l-Kummissarju tal-Pulizija jista', per mezz tiegħu jinsab awtorizzat joħroġ ordnijiet li jikkwalifikaw bħala kontravvenzjonijiet attijiet li ma humiex meqjusin bħala tali mill-liġi, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tat-30 ta' April 1951, wara li rat l-avviż nru. 10 ta' l-1945 u l-art. 31 (1) (f) tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 13), iddeċidiet billi ċaħdet l-eċċezzjoni sollevata mill-imputat, u sabitu ħati skond l-akkuża, u kkundannatu għall-ammenda ta' 5s;

L-imputat appella minn dik is-sentenza għal quddiem dina l-Qorti;

Il-Qorti semgħet id-difensur ta' l-appellant u l-Avukat tal-Kuruna;

Il-Qorti tirrileva illi ċ-ċitazzjoni ħarġet fit-23 ta' Settembru 1950, u l-imputat deher quddiem il-Qorti fit-3 ta' Ottubru ta' wara, meta l-kawża ġiet imħollija "sine die". Meta ġiet riappuntata u saret in-notifika tar-riappuntament mill-proċess ma jirriżultax; iżda jirriżulta biss li fit-30 ta' April li għadda reġgħet instemgħet il-kawża, u ġiet maqtugħa b'sentenza kontra l-imputat. Ma jirriżultax li qabel dak inħbar, minn meta l-kawża kienet differita "sine die", kien sar xi riappuntament ieħor, jew notifika oħra lill-imputat; u għalhekk it-terminu tal-preskrizzjoni għandu jiġi kunsidrat li kien ġa għalaq meta sar l-aħħar riappuntament u nqatgħet il-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-imputat, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilliberа lill-imputat.